| | |
|---|---|
| *Water Quality* | *No significant impacts are envisaged, and the proper management of potential pollutants (e.g. oils) in accordance with statutory procedures is expected to be sufficient to minimise effects on the environment and on groundwater. This aspect will be enforced through the environmental permitting mechanism.* |
| Kwalità tal-arja, jinkludi trab | Se jittieħdu l-miżura kollha prattikabbli biex jitnaqqas it-tixrid ta' trabijiet. Se jitħaddmu wkoll miżuri oħra *standard* biex jittaffew l-impatti. |
| *Air quality, including dust* | *Practical measures shall be undertaken to mitigate dust dispersion. Standard mitigation measures will be implemented to limit any impacts.* |
| Skart | L-iskart li se jinħoloq mill-iżvilupp kif propost huwa minimu, però minkejja dan, ħafna mill-materjal li se jiġi ġġenerat mill-attivitajiet tal-barriera se jitfarrak u jiġi rriċiklat fi *crusher* ġo barriera oħra minflok ma jinġabar fuq is-sit. |
| *Waste* | *Waste to be generated by the proposed development is considered to be minimal, however most of the material arising from the quarrying activities would be crushed and recycled at the crusher in another quarry and not heaped on site.* |
| Storbju u vibrazzjonijiet | Ix-xogħlijiet proposti se jsiru f'żona fejn hemm barrieri u għalhekk huwa mistenni li mhux se jkun hemm storbju u vibrazzjonijiet sinifikanti. Dawn l-impatti se jkomplu jittaffew permezz ta' miżuri msemmijin fir-Regolamenti tal-2007 dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni. |
| *Noise and Vibration* | *The proposed works will be located within an area recognisant of quarry activity, and thus significant noise and vibrations are not envisaged. Noise abatement measures in accordance with the Environmental Management Construction Site Regulations, 2007 (L.N. 295 of 2007) shall further minimise any impacts.* |

Minkejja dak imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Is-16 ta' Jannar, 2015

**Nru. 39**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali**

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserve the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

16th January, 2015

**No. 39**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Notification of Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the

li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza: TRK156777
Post: Għalqa fi Triq Bieb ir-Ruwa, Tal-Ħafa, Fiddien, Rabat, Malta
Proposta: Bini ta' serer li jinkludu *cladding* għall-*Solar Panels* li jħarsu lejn in-Nofsinhar u bini ta' kamra tal-għodda, *substation* u ġibjun għal ħażna tal-ilma taħt l-art.

Dawn l-impatti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fit-30 ta' Ottubru 2014 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fil-5 ta' Diċembru 2014.

proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: TRK156777
Location: Field in Triq Bieb ir-Ruwa, Tal-Ħafa, Fiddien, Rabat, Malta
Proposal: Construction of greenhouses including South facing integrated solar panels cladding and construction of a tool room, substation and underground water reservoir.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 30th October 2014 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 5th December 2014.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impacts*** | **Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Ħolqien ta' skart | L-ammont ta' skart solidu li x'aktarx jiġi ġġenerat mill-proġett kemm waqt il-bini kif ukoll waqt l-operat mhux mistenni li jkun sinifikanti, speċjalment meta wieħed iqis in-natura tal-proġett. |
| *Waste generation* | *The amount of solid waste likely to be generated by the project during both construction and operation is not likely to be significant considering the nature of the project.* |
| Storbju, vibrazzjonijiet, u kwalità tal-arja | Waqt il-kostruzzjoni, l-emissjonijiet mhumiex mistennija li jkunu sinifikanti. Impatti relatati mal-istorbju, vibrazzjonijiet u l-kwalità tal-arja se jkunu temporanji u jistgħu jiġu immitigati skont r-Regolamenti fuq il-Ġestjoni Ambjentali ta' Sit tal-Kostruzzjoni (Avviż Legali 295 tal-2007). |
| *Air quality, noise and vibration impacts* | *During construction, emissions are not expected to be significant. Noise, vibrations, and dust-related impacts during construction are temporary and can be mitigated through the application of mitigation measures as identified in the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007).* |
| Impatt viżiv | L-ebda impatt viżiv sinjifikanti ma huwa mistenni minħabba li l-impatt viżiv qed jiġi mnaqqas permezz ta' proposta għal-*landscaping*. |
| *Visual Impact* | *No significant visual impacts are expected given that visual impact is being mitigated through a landscaping proposal.* |
| Impatt permezz ta' dawl | Matul il-lejl, huma mistennija emissjonijiet ta' dawl aktar minn dawk li diġà hemm bħalissa. Madankollu, dawn jistgħu jitnaqqsu bl-użu ta' lampi li jixħtu d-dawl 'l isfel, u billi l-ammont ta' dawl matul il-lejl jitnaqqas għal livelli minimi. |
| *Light pollution* | *During night-time, light emissions above the current baseline situation are expected. Nevertheless, these may be reduced through the use of down-lighters and minimisation of nocturnal lighting.* |

Minkejja dak imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Is-16 ta' Jannar, 2015

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserve the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

16th January, 2015